MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 1127/1999/1

**Spiridione Farrugia**

**vs**

**Peter Farrugia u b'digriet tat-18 ta' Mejju 2000 gew kjamati fil-kawza Katerina Busuttil, Maria Bartolo, Longino Farrugia, Carmelo Farrugia, Tereza Farrugia, Antonio Farrugia u Lourdes Deguara u b'digriet tal-10 ta Mejju 2001  gie kjamat fil-kawza Joseph Farrugia u b'digriet tas-27 ta' Settembru, 2006 Mark Farrugia u Michelina sive Lina Farrugia bhala tutur ta' binha monorenni Wayne Farrugia assumew l-atti tal-kawza stante l-mewt tal-kjamat fil-kawza Joseph Farrugia**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur fit-18 ta' Mejju, 1999, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi fil-15 ta' Marzu tas-sena 1999 miet missier il-kontendenti Giovanni Maria Farrugia;

Illi l-wirt ta' l-mejjet Giovanni Maria Farrugia huwa regolat minn testament datat 5 ta' Frar 1997 ippublikat fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani (document A).

Illi l-Artikolu hamsa (5) ta' dana t-testment jipprovdi illi "min mill-eredi fuq imsemmija jirrpoca b'xi mod jew iehor jew jimpunja dan it-testment jew xi parti minnu jew inkella iqanqal l-inkwiet bejn l-ahwa jew inkella b'xi mod jew iehor jipprova jfixkel dawk ix-xewqat tat-testatur kif espressi f'dan it-testment allura dan jiddekadi immedjatament mill-beneficcji kollha lilu hawn imhollija u jiehu biss il-legittima stabilita mill-ligi."

Illi l-konvenut ivvjola l-kundizzjonijiet stipulati fl-artikolu suriferit billi immisapproprja flejjes, oggetti u dokumenti apparententi l-wirt tal-mejjet Giovanni Maria Farrugia.

Illi bhala konsegwenza immedjata ta' dan il-konvenut iddekada awtomatikament mill-beneficji kollha lilu mhollija mill-mejjet missieru Giovanni Maria Farrugia u jista' ghalhekk jiehu  biss il-legittima legali, hekk kif stipulat fl-istess artikolu hamsa (5) tat-testment.

Talab ghalhekk li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex in vista tas-suespost :

(a) tiddikjara illi l-konvenut iddekada mill-beneficcji kollha lilu mhollija mill-mejjet missieru Giovanni Maria Farrugia u li ghalhekk huwa ghandu dritt biss li jircievi l-legittima legali;
(b) tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jirritorna fl-assi ereditarji tal-mejjet Giovanni Maria Farrugia kwalunkwe flejjes, dokumenti u oggetti li huwa approprja abbuzivament u arbitrarjament;

Bl-ISPEJJES, inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni pprezentat kontestwalment ma dina c-citazzjoni, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Peter Farrugia, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Preliminarjament in-nullita tac-citazzjoni jew nuqqas ta' integrita tal-gudizzju ghaliex il-werrieta l-ohra ma humiex parti mill-kawza;
2. Fil-mertu l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex mhux minnu li l-esponent qed jaqla l-inkwiet b'xi azzjoni tieghu, pjuttost hu l-attur li qed jaqla l-inkwiet bl-azzjoni odjerna; infatti hu wahdu fetah il-kawza minghajr il-kunsens tal-werrieta l-ohra;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u il-lista tax-xhieda tal-konvenut Peter Farrugia;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawza Longino Farrugia, Carmelo Farrugia, Anthony Farrugia u Joseph Farrugia, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma korretti u ghalhekk l-eccipjenti jaqblu li l-konvenut Peter Farrugia ghandu jinkorri l-penalitajiet kontemplati fit-testment tal-mejjet missierhom Giovanni Maria Farrugia;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u il-lista tax-xhieda tal-kjamati fil-kawza Longino Farrugia, Carmelo Farrugia, Anthony Farrugia u Joseph Farrugia;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-partijiet ma pprezentawx noti ta' sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba dikjaratorja fis-sens li l-intimat iddekada mill-beneficcji kollha lilu mhollija tal-mejjet missieru Giovanni Maria Farrugia u li ghalhekk huwa ghandu dritt biss li jircievi l-legittima legali, u talba konsegwenzjali sabiex l-istess intimat jigi ordnat sabiex fi zmien qasir u perentorju jirritorna fl-assi ereditarji tal-mejjet Giovanni Maria Farrugia kwalunkwe flejjes, dokumenti u oggetti li huwa approprja abbuzivament u arbitrarjament.

Min-naha tieghu l-intimat, jeccepixxi n-nullita' tac-citazzjoni jew in-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju ghaliex il-werrieta l-ohra m'humiex parti mill-kawza u jikkontesta t-talbiet tal-attur fil-mertu bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u sahansitra jikkontendi li huwa l-attur stess li qieghed jaqla' l-inkwiet bejn l-ahwa.

**<u>Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Peter Farrugia</u>**

Jirrizulta li sabiex il-gudizzju tal-kawza odjerna jkun wiehed integru, jehtieg li l-werrieta kollha tal-mejjet Giovanni Maria Farrugia jkunu parti mill-istess kawza. Jidher ukoll li din l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata *stante* li l-attur intavola rikors[1] u li permezz tieghu din il-Qorti giet mitluba tordna l-kjamat in kawza tal-werrieta tal-imsemmi Giovanni Maria Farrugia, l-intimat ma opponiex ghal din it-talba u il-Qorti, permezz ta' digriet datat it-18 ta' Mejju 2000, ordnat l-kjamata fil-kawza tal-persuni kollha indikati fir-rikors imsemmi.

**<u>Il-kaz Odjern</u>**

Gialadarba il-Qorti m'ghandhiex aktar eccezzjonijiet ta' natura procedurali jew legali, ser tghaddi sabiex tiddeciedi l-mertu tal-kaz odjern.

[1] Ara a fol 20 tal-process

Jirrizulta bl-aktar mod car li l-attur qieghed jibbaza t-talba tieghu fuq Artikolu 5 tat-testment tal-mejjet missieru[2] u cioe:

"***min mill-eredi fuq imsemmija jipprova b'xi mod jew iehor jew impunja dan it-testment jew xi parti minnu jew inkella iqanqal l-inkwiet bejn l-ahwa jew inkella b'xi mod jew iehor jipprova jfixkel dawk ix-xewqat tat-testatur kif espressi f'dan it-testment allura dan jiddekadi immedjatament mill-beneficcji kollha lilu hawn mhollija u jiehu biss il-legittima stabilita mill-ligi***."

Illi il-Qorti tirrileva li m'hemmx dubju li l-axxendent li jkun iddispona favur id-dixxendent jista' effikacement izid il-klawsola tar-riduzzjoni ghall-kwota tal-legittima fil-kaz li dan jimpunja t-testment. Dan salv dejjem li l-istess riduzzjoni ma tkunx tiddependi minn xi kondizzjoni kuntrarja ghall-ligi, ghall-kostumi tajba jew ghall-ordni pubbliku (vide **Paolo Zammit vs Rosa Zammit Appell** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Gunju 1957).

Illi il-klawsola fuq imsemmija apposta fit-testment hija valida peress li ma tidhirx li hija kuntrarja ghal xi dispozizzjoni legali u lanqas kontra l-morigeratezza jew il-kostumi tajba. Jibqa' l-punt pero' jekk l-attur ippruvax sal-grad rikjest mill-ligi li bl-ghemil tieghu l-intimat "***huwa qanqal l-inkwiet bejn l-ahwa jew inkella b'xi mod jew iehor jipprova jfixkel dawk ix-xewqat tat-testatur kif espressi f'dan it-testment***".

Illi huwa elementari li min jaccetta eredita testata huwa obligat li jirrispetta d-dispozizzjonijiet kollha kontenuti fit-testment[3]. Kif iddikjarat din il-Qorti kif diversament preseduta fil-kawza **Pace vs Rossi**[4],

"***Il senso di tale clausola si deve restringere, anzi circoscrivere, ai soli casi di liti evidentemente temerarie ed ingiuste, come insegnano I dottori e***

---

[2] Liema testment hu esebit a fol 5 tal-process

[3] App Portelli utrinque 14 ta' Frar 1941 Vol. XXXI-I-8

[4] Deciza 14 ta' Novembru 1892 (Vol VI.317)

***specialment Voet, il quale cosi si esprime – "non videantur venire contra voluntatem defuncti qui vel de volunatate ipsa dubitant vel de validitate eius*"** (Ad Pand. Lib. XXIV, Tit. VI n.3).

filwaqt li Pacifici Manzoni jghid li:

"***Il divieto posto dal testatore di non insorgere contro le sue disposizioni testamentarie a pena di decadenza dalla disponibile o dai legati, non deve essere inteso in un senso assoluto e rigoroso, ma in un senso relative; ossia di non insorgere se le disposizioni testamentarie fossero giuste e legali; perche se ingiuste, erronee, illegali, l'insorgimento contro le disposizioni testamentarie sarebbe l'eco della legge e non opposizione alla volonta paterna***" (Coen voce Successione para. 1447).

**<u>Il-Mertu tal-kaz odjern u l-Provi migbura</u>**

Kif diga' gie rilevat aktar 'il fuq, l-oneru tal-prova jispetta lill-attur, u dan abbazi tal-principju li min jallega jrid necessarjament jipprova sal-grad rikjest mil-ligi. L-intimat jibqa' mhux obbligat li jgib il-prova fin-negattiv. Ghalhekk, jinkombi lill-attur, u f'dan il-kaz partikolari wkoll lill-kjamati in kawza u cioe' l-werrieta l-ohra li qieghdin jablu mat-talba attrici), li jipprova li l-konvenut Peter Farrugia ghamel xi agir li permezz tieghu, seta' ta lok ghall-applikabbilita' tal-Artikolu 5 tat-testment citat aktar 'il fuq.

Illi mill-qari tal-affidavit tal-attur, jigi nnutat li l-attur ma jaghmel ebda allegazzjoni kontra l-intimat fis-sens illi li b'ghemilu ghamel xi haga li tista' b'xi mod tigi interpretata li tmur kontra r-rieda ta' missierhom (it-testatur) jew li qieghed jimpunja l-istess testament. L-attur jaghti spjegazzjoni ta' kif kienu jigu amministrati flus il-mejjet missieru u jghid ukoll li ghal xi raguni li waslitu biex jahseb hazin fl-intimat, dan tal-ahhar dam sieghat twal biex gharraf lil hutu l-ohra bil-mewt ta' missierhom. Izda il-Qorti thoss li anke jekk dan huwa minnu, dan bl-ebda mod ma jista' jaghti lok ghall-applikabbilita' tal-Artikolu 5 citat aktar 'il fuq, ghaliex dan lanqas ma jfisser li l-intimat qala' xi

inkwiet bejn l-ahwa. Fl-ahjar ipotesi ghall-attur, l-intimat seta' biss kien aktar efficjenti biex jinforma lil hutu bil-mewt ta' missieru imma b'daqshekk ma holoqx l-inkwiet imsemmi fl-istess Artikolu.

Illi l-attur jibbaza t-talba tieghu, fosthom fuq ammont ta' Lm2000 li kienu fid-dar ta' missieru u li skond hu, ghaddhom xi ftit jiem qabel ma gie nieqes missieru, peress li dan tal-ahhar kellu xi suspett li kienu qed jonqsu[5]. L-attur jikkontendi li dan l-ammont ittiehed mill-intimat izda dan tal-ahhar, in kontro-ezami, jiddikjara li kien hemm is-somma ta' Lm700 u mhux Lm2000 u jammetti li ha nofs din is-somma ta' Lm700 filwaqt li n-nofs l-iehor tahom lill-ohtu kif kien qallu missieru[6] (kif wara kollox tikkonferma Teresa Farrugia permezz tax-xiehda taghha datata s-27 ta' Marzu 2007[7] u kif isostni l-attur meta permezz tal-affidavit tieghu[8] jghid li l-unici nies li kien hemm prezenti meta miet missierhom kienu l-intimat u Teresa Farrugia). F'dan il-kuntest, il-Qorti tirrileva li l-fatt li l-intimat, minghajr ebda diffikulta, ammetta kemm quddiem in-Nutar kif ukoll fil-mori ta' din il-kawza li ha nofs is-somma ta' Lm700 li nstabu fid-dar ta' missieru, jitfa' dawl fuq il-veracita' tal-istess fil-konfront tal-allegazzjoni tal-attur ghaliex tali ammissjoni turi kemm l-istess intimat ghandu kull intenzjoni li jghid il-verita', anke jekk din tista' tintuza kontrih. Huwa minnu li kull xhieda tinghata taħt gurament, pero' il-Qorti xorta wahda tinnota li l-intimat ammetta tali agir u proprju minhabba tali ammissjoni (kwazi spontanja) li il-Qorti tirrileva li l-verzjoni tieghu li ma kienx hemm aktar flus fil-kommodina hija aktar vero-simili minn dik li jaghti l-attur.

Illi il-Qorti taghmel referenza wkoll ghad-dokument esebit a fol 53 tal-process, liema dokument juri li fil-fatt, l-ahwa Longino farrugia u Carmelo Farrugia kienu hallsu lura s-somma ta' Lm14,000 lil missierhom il-mejjet u li ma' din l-istess somma gew ritornati xi oggetti ohra (fosthom

---

[5] Ara x-xhieda tal-attur in kontro-ezami datata l-14 ta' Ottubru 2004 u l-affidavit tal-istess attur esebit a fol 36
[6] Ara a fol 167 tal-process
[7] Ara a fol 123 tal-process
[8] Ara a fol 36 tal-process

dokumenti relatati ma' kontijiet bankarji), u ghalhekk, minn dan l-istess dokument jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimat ma kellu xejn x'jaqsam ma' dan l-ammont li kien dovut. L-ammont ta' Lm14,000 gie wkoll depositat fil-kont bankarju tal-mejjet mill-intimat, liema ammont illum, minhabba l-interessi li akkumulaw, telghu ghall-ammont ta' Lm21,000[9]. L-attur jikkonferma wkoll li kien l-intimat li ddeposithom il-bank[10]

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-enfasi li saret fil-mori tal-kawza fuq il-kommodina, c-cavetta taghha u l-fatt li spiccat sgassata. Jigi rilevat li mill-affidavit tal-attur stess, jirrizulta li kien hu stess li sforza din l-istess kommodina fil-prezenza taz-ziju tieghu Fredu Farrugia u n-neputi Stephen Farrugia u ghalhekk, kwalunkwe allegazzjoni dedotta fil-konfront tal-intimat relatata mal-istess kommodina hija totalment infondata.

Illi apparti minn dan kollu, l-attur jallega wkoll li l-intimat ha xi dokomenti li kienu jippartjenu lill-missierhom, izda fil-mori tal-provi rrizulta li numru ta' dokumenti ghaddew fl-idejn bejn l-ahwa, tant li Spiridione Farrugia, permezz tax-xiehda tieghu datata t-2 ta' Mejju 2002[11] jghid li fil-mori tal-kawza ta' servigi li fetah l-intimat kontra hutu, kienet Teresa Farrugia li giet ordnata tesebixxi registru ta' missierha filwaqt li Longino Farrugia permezz tax-xiehda tieghu tal-14 ta' Jannar 2002[12] jghid li hu kellu *file* relatat mal-beni ta' missieru li mbaghad ghadda ghand l-intimat u li ssuegwentement gie moghti lil hutu l-ohra Toni u Karmenu. Dawn imbaghad regghu ghaddew dan l-istess *file* lill-istess Longino Farrugia sabiex ikun jista' jaghti x-xiehda tieghu fil-mori tal-kawza odjerna. Minn din ix-xiehda jirrizulta bl-aktar mod car li certament id-dokumenti daru fl-idejn bejn l-ahwa u ghalkemm l-attur (flimkien mal-kjamati in kawza hutu) jallegaw li kien l-intimat li ha dawn id-dokumenti, permezz tax-xiehda taghhom stess, juru li dawn id-dokumenti tant grew ghand xulxin li lanqas jafu bic-certezza ghand min spiccaw, izda jwahhlu u jaghmlu

[9] Ara a fol 162 tal-process
[10] Ara x-xhieda tal-attur in kontro-ezami datata l-14 ta' Ottubru 2004 a fol 86 tal-process
[11] Ara a fol 59 tal-process
[12] Ara a fol 50 tal-process

tali allegazzjoni fil-konfront tal-intimat biss. Apparti minn dan kollu, l-attur in kontro-ezami jiddikjara wkoll li l-intimat "***kien irritornhom dawn id-dokumenti pero' mhux ir-registru***"[13] u dan ikompli jsahhah l-argument tal-Qorti li fil-fatt, dwar id-dokumenti hemm kunflitt ta' provi.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xiehda ta' Antonio Farrugia datata t-2 ta' Mejju 2002[14], fejn jaghmel hafna referenzi ipoteteci u fuq kollox, ta interpretazzjoni ta' kliem missieru. Dan qieghed jinghad ghaliex l-istess xhud jghid li minn kliem missieru, meta allegatament kien isemmi li kellu l-grieden, fehem li kien qieghed jirreferi ghall-intimat izda tali xhieda m'hijiex ammissibbli ghaliex m'hijiex bazata fuq fatti izda hija bazata biss fuq interpretazzjoni. Tant hu hekk, li l-istess xhud, jipponta subajh kontra l-intimat meta fl-istess zmien, missieru kien jghix ukoll ma' bintu Teresa u ghalhekk, seta' facilment kien qieghed jirreferi ghaliha jew ghal xi wiehed mill-ahwa l-ohra li kienu jmorru jarawh. Ghalhekk, il-Qorti ma tarax kif ghandha tiehu bhala veritier tali interpretazzjonijiet u hsibijiet. L-istess jista' jinghad ghad-dikjarazzjoni ta' Longino Farrugia meta jiddikjara li ma jafdax lill-intimat, ghaliex din mhix sufficjenti biex taghti lok ghall-applikabbilita' tal-Artikolu 5 citat.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell[15] u li permezz taghha gie pruvat li l-intimat rebah kawza ta' servigi kontra hutu, liema servigi huwa ppresta lil missieru.

## Il-Piz tal-Prova

Bhala punt ta' dritt, il-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur, in kwantu l-konvenut jibqa' assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Il-Qorti trid tara jekk l-attur issodisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-legittimita' tal-pretensjoni tieghu, jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti

---

[13] Ara x-xhieda tal-attur in kontro-ezami datata l-14 ta' Ottubru 2004 a fol 87 tal-process
[14] Ara a fol 61 tal-process
[15] Esebita a fol 205 tal-process

allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati (*non esse et non probari paria sunt*).

Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo** deciz nhar il–25 ta’ Gunju 1980 mill-Appell Inferjuri). Il-grad ta’ prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f’mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta’ provi meqjusa fuq bilanc ta’ probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** deciza nhar it–8 ta’ April 1994 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili; **Borg vs Manager ta’ l-Intrapriza tal-Halib** deciza nhar is-17 ta’ Lulju 1981 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili; **Vassallo vs Pace** [Vol.LXX.II.144] u **Zammit vs Petrococchino** deciza nhar il-25 ta’ Frar 1952 mill-Appell Kummercjali.

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t’April 2004 fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**:-

*“**Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika. Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil- provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo”**.*

Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili.

Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall konvinciment. Ghaliex kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal- probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil- kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."

Inoltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'April 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

"**Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli**."

Minn dak citat aktar 'il fuq u ai termini tal-gurisprudenza msemmija aktar 'il fuq, il-Qorti m'hijiex moralment konvinta li l-intimat qala' l-inkwiet bejn l-ahwa jew li bl-agir tieghu ta lok ghall-applikabbilita' tal-Artikolu 5 tat-testment. Jirrizulta biss li l-istess intimat ha s-somma ta' Lm700 fi flus kontanti u ghalhekk dawn ghandhom jigu ritornati lura.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-ewwel talba attrici u tilqa' t-tieni talba attrici limitatament ghas-somma ta' Lm700 ekwivalenti ghal elf sitt mija u tletin ewro u sitta u hamsin centezmu €1630.56, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni peress li din giet survolata fil-mori tal-kawza u tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimat Peter Farrugia. Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------